31995R2564

1.11.1995 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 262/25

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2564/95 tas-27 ta' Ottubru 1995 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif emendat l-aħħar permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3330/94 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali sabiex tiġi interpretata n-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija fl-intier tagħha jew f'parti minnha msejsa fuqha jew li żżid kull suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-ħsieb li jiġu applikati l-miżuri tat-tariffi jew miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, bis-saħħa tar-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża mar-Regolament preżenti għandhom jiġu klassifikati skond il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet provduti fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat li l-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-merkanzija fin-nomenklatura maqgħuda u li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jissoktaw ikunu invokati, taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi tad-Dwana tal-Komunità [3], għall-perjodu ta' tliet xhur mid-detentur;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-Taqsima tan-Nomenklatura tat-Tariffa u ta' l-Istatistika tal-Kumitat tal-Kodiċi tad-Dwana

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella mehmuża huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemija.

Artikolu 2

Il-klassifikazzjoni tal-prodott Nru 2 fit-tabella annessa m'għandiex effett fuq l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1556/95 [4].

Artikolu 3

L-informazzjoni tat-tariffa li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jissoktaw ikunu invokati, taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għall-perjodu ta' tliet xhur.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f'Brussel, fis-27 ta' Ottubru 1995.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) OJ No L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) OJ No L 167, tat-18.7.1995, p. 7.
(3) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
(4) ĠU L 152, ta' l-1.7.1995, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni (kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. (*Smart*) *card reader* b'mikroproċessur f'kisja tal-plastik jew metall li jkollu fetħa għall-inseriment ta' l-*ismart card*, skrin tal-kristal likwidu u *keyboard* magħmula minn 10 *keys* numeriċi, erba' *function keys, validation key,* u *key* għall-korrezzjoni L-apparat jista' jinżamm fl-idejn, jitqiegħed fuq l-iskrivaniji, mwejjed jew kownters jew mqabbad mal-ħitan eċċ. Jista' jintuża waħdu jew bħala unità periferika għall-ipproċessar ta' *data* fl-oqsma tal-banek, kummerċ jew mediku, fil-kontroll ta' aċċess għall-vetturi, fil-ġestjoni tal-ħin tax-xogħol eċċ kemm jekk mqabbad ma' magna awtomatika li tipproċessa d-*data* jew le.	8471 99 80	Il-klassifikazzjoni hija determinata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 8471, 8471 99 u 8471 99 80
2. *CD-ROM drive* għar-riproduzzjoni ta' ħsejjes, testijiet u xbihat, mingħajr il-*housing* tagħha, għall-inseriment f'unità ċentral tal-kompjuter, b'*jack* għall-*earphones* u buttuna għall-kontroll tal-volum Din id-*drive CD-ROM* tippermetti l-komputer li jopera, f'qafas multimedjali, *CD-ROMs* (għar-riproduzzjoni ta' testijiet, xbihat u ħsejjes), *CDs audio* u *photo CDs*	8521 90 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, nota 5 (B) tal-Kapitolu 84 u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 8521 u 8521 90 00
3. Sistema għar-riproduzzjoni ta' ħoss u xbiha fuq komputer (multimedjali) bil-komponenti li ġejjin, preżentati bħala sett mqieġħed għall-bejgħ bl-imnut: — *CD-ROM drive* b'*jack* għall-*earphones* u buttuna għall-kontroll tal-volum, *sound card* u b'lead għall-konnessjoni ta' l-audio li jista' jitqabbad mas-*CD-ROM drive* u mas-*sound ca* — u- diskett ta' l-operazzjoni	8521 90 00 8524 90 91	Il-klassifikazzjoni hija determinata bir-Regoli Ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, nota 5 (B) tal-Kapitolu 84, Nota 6 tal-Kapitolu 85 u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 8521 u 8521 90 00, 8524, 8524 90 u 8524 90 91 Id-*drive* tas-*CD-ROM* tagħti lis-sett il-karattru essenzjali tiegħu. Skond in-nota 6 tal-Kapitolu 85, id-diskett għandha tkun klassifikata b'mod separat.
4. *Tuner card* għall-inseriment ġewwa magna ta' l-ipproċessar tad-*data* biex tippermetti r-riċezzjoni ta' xandir televiżiv Din il-*card* elettronika tikkonsisti minn bord ta' ċirkuwitu stampat li jkollu diversi ċikuwiti integrati u komponenti elettroniċi oħra. Flimkien ma *software xieraq* u antenna, il-bord biċ-ċirkuitu jippermetti li l-magna ta' l-ipproċessar tad-*data* li tesegwixxi tiftix awtomatiku tal-kanali, jirċievi programmi u jirreġistra xbihat mxandra.	8528 10 91	Il-klassifikazzjoni hija determinata bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, nota 5 (B) tal-Kapitolu 84 u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 8528 10 u 8528 10 91